# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Luke Bonello]

vs

Stephen Micallef

Kumpilazzjoni Numru: 877/15

Illum, 13 ta' Gunju, 2022

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Stephen Micallef detentur tal-karta tal-identita numru 735061M

Akkuzat talli nhar id-29 ta' Settembru 2014 ghall-habta ta' bejn it-08:30 am u 08:45 am gewwa Triq il-Pitkali, Attard u f'dawn il-Gzejjer;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Joseph Galea f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Joseph Galea ai termini ta' l-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti u kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hdax (11) ta' Gunju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikoli 214, 215 u 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2) u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 7, 8, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi din il-kawza, hekk kif xehed <u>**Joseph Galea**</u>, titratta fuq allegat feriti gravi fuq il-persuna tal-istess ikkagunati allegatament mill-imputat anke jekk ix-xhud iddikjara mill-ewwel li ried iwaqqaf il-proceduri fil-konfront tal-imputat. Huwa jghid illi minhabba dan l-

argument wegga' xufftejh u rkopptu meta l-imputat inbuttah u dan allegatament fuq kelba. Huwa jghid illi ra din il-kelba li kienet tal-imputat gejja ghalih u l-imputat minflok mar iwaqqafha gie ghalih u hemmhekk huwa habat mat-trakk meta nbuttah minn spalltu.

Huwa jghid illi wara l-incident mar il-Health Centre tar-Rabat u baqa' sejjer l-ghassa ta' B'Kara bic-certifikat. Huwa jghid illi ghadu jbati b'irkopptu li tugghu.

Xehed <u>Dr. Gianluca Bezzina</u> fejn dan kien ezamina lill-parte civile Joseph Galea u sab li kellu *lacerated wound* fuq xofftu li kellu jaghlaqha b'hames (5) punti. Kellu wkoll barxa f'irkupptejh ix-xellugija u ohra fil-minkeb il-lemini. Huwa kkonferma c-certifikat mediku mahrug minnu li kien gie esebit u mmarkat bhala Dok. LB5.

Xehdet ukoll <u>WPS 246 Diane Vella</u> li kkonfermat ir-rapport bin-numru 8R3456/2014 immarkat bhala Dok DV1.

Xehed ukoll <u>Paul Micallef</u> li jigi hu l-imputat u jghid illi huh Stephen ghandu kelba l-Pitkalija fejn jahdmu fejn din qisha l-maskot ta' hemmhekk izda minn dejjem kienu jinnutaw illi l-parte civile kien

joqghod iwaddbilha l-gebel. Huwa jghid illi dakinhar tal-incident ra lill-persuna maskili ta' korporatura kbira jiehu rankatura lejn huh u dan tal-ahhar gholla jdejh u dan jew habat ma' huh jew inbuttah huh stess, dan zelaq lewa saqajh u habat wiccu mat-trakk.

Finalment xehed <u>**Dr. Mario Scerri**</u> bhala espert tal-Qorti u fejn ikkonferma illi wara li ezamina lill-parte civile Joseph Galea li dan ghad ghandu cikatrici fuq xofftu li ghadha tidher u ohra fuq il-qasba tas-sieq (Dok MS1).

Fl-ahhar nett xehed l-imputat fejn dan ikkonferma dak li kien qal fl-istqarrija tieghu quddiem l-ufficjal prosekutur u wara kollox dak li kien ikkonferma huh fit-testimonjanza tieghu li l-incident gie pprovokat mill-parte civile u l-griehi li garrab kienu frott li l-imputat iddefenda lilu nnifsu.

<u>**Ikkunsidrat**</u>:

Illi l-Qorti tinnota li ghalkemm inghataw zewg verzjonijiet kemxejn differenti mhumiex xorta wahda 'l boghod minn xulxin. Illi apparti mill-fatt illi kien hemm ix-xhieda ta' hu l-imputat li ra parti kbira

milll-incident dan johrog car illi l-parte civile kien dak li pprovoka l-incident minhabba xi haga li kienet ghamlitlu l-kelba tal-imputat u hemmhekk, hekk kif qal il-parte civile stess l-imputat beda jghajjat ghalih minflok ma waqqaf lill-kelba u ghalhekk din ipprovokatlu rabja fejn dan mar biex jaggredixxi lill-imputat b'hekk l-imputat kellu bilfors jiddefendi ruhu.

Illi hija pjuttost car illi l-verzjoni tal-imputat ikkorroborata mix-xhieda ta' huh hija l-aktar verzjoni verosimili u li taghmel sens u dan in vista tal-fatt illi mill-bidu nett il-parte civile ried iwaqqa' l-proceduri mhux biex ma jitlax il-Qorti izda peress li kien jaf li t-tort tal-incident kien tieghu.

Illi ghalhekk il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tezamina l-elementi tad-difiza legittima. F'dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza pronuncjata mill-Onorabbli Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro** deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn gie ritenut li: Mhux kull min *"jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali. Il-ligi titkellem car dwar "il-bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak illi jkun jew ta' haddiehor.*

*Kemm fid-dutrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' l-inevitabbilita jigi nieqes meta wiehed minnflok ma jevita l-inkwiet, ossia l-glied illi jara gej, meta dan jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita hu stess il-konfront fiziku."*

Illi l-**Professur Sir Anthony Mamo**, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", jghid is-segwenti: *"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger*

*threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Illi ghalhekk din il-Qorti thossha konvinta illi l-agir tal-imputat kien ta' legittima difeza skont it-testimonjanza tieghu u dan ghaliex kien il-parte civile li pprovoka l-incident u kien ser jaggredixxi lilu.

Hawnhekk issir riferenza ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti** deciza fit-3 ta` Ottubru 2018 fejn il-Qorti ghamlet referenza ghall-kaz tas-16 ta` Ottubru 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa**, fejn inghad illi: *"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.''*

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Stephen Micallef** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih stante li ma gietx ippruvata oltre d-dubju dettat mil-ligi u ghalhekk qed tilliberah minnha.

-----------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**